



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2014/2085(DEC)**

8.12.2014

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima IX - Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (2014/2085(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-awditu ta' segwitu li sar f'Ġunju 2013 mis-servizz ta' awditjar intern tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta lok li jingħalqu l-parti l-kbira tal-azzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet suġġeriti fil-qasam ta' materji amministrattivi u li jikkonkludi li mhemmx rakkomandazzjonijiet partikolari x'isiru fil-31 ta' Diċembru 2013;
2. Jinnota li l-fatt li t-twettiq tar-rakkomandazzjoni dwar is-sikurizzazzjoni tad-data inkluża fl-ilmenti ma kienx tlesta fil-waqt tal-awditu ta' segwitu ta' Ġunju 2013 minħabba dewmien fl-istabbiliment tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet (Case Management System, CMS) u li din ir-rakkomandazzjoni kienet suxxettibbli li titwettaq b'mod integrali tul is-sena 2014 minħabba li s-CMS ilu operattiv sa minn Ottubru 2013;
3. Jinnota l-fatt li l-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega jqis li l-livell ta' ġestjoni u ta' kontroll huwa kif jixraq u li qed jitjieb, u li fil-waqt li nkiteb ir-rapport annwali ta' attività għas-sena 2013, ma nstab l-ebda żball sinifikanti u li m'hemmx bżonn isiru riżervi dwar il-verifiki minn qabel;
4. Jinsab kuntent li l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data segwa l-osservazzjonijiet tal-Parlament Ewropew inklużi fil-kwittanza tiegħu tal-2010 u 2012 li dan tal-ewwel jistabbilixxi l-istrateġija tiegħu għall-2013 u 2014 u li t-twettiq ta' din l-istrateġija juri riżultati pożittivi f'attivitajiet tiegħu;
5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni għall-ġestjoni finanzjarja tajba, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ikun uża l-approprijazzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.